MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 310/2009

**Av. Dottor David Tonna (numru tal-karta ta’ l-identita’ 659956 (M)) bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ estera Converse Inc.**

**vs**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b’digriet tal-24 ta’ April 2009 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` C.M.C P/C M.B.M.T Avenue Hedi Nouira Tunis-Rades.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera

Converse Inc. datat 26 ta’ Marzu 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta’ rikorrenti Converse Inc., ta' One High Street North Andover, MA 01845-2601, tal-Istati Uniti tal-Amerika hija proprjetarja ta’ diversi markji, fosthom il-markji “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” liema markji huma uzati fuq diversi prodotti bhal abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, zraben sportivi u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokument “A” u d-Dokument “B”;

Illi s-socjeta’ rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ propjeta’ industrijali tal-istess markji “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” skont il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ propjeta’ intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti irregistrat l-imsemmija markji “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” bhala Trademarks Komunitarji mal-‘Office for Harmonization in the Internal Market’ tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 000924653 (kif muri f’Dok. “A”) u Numru 000929078 (kif muri f’Dok. “B”);

Illi jirrizulta illi fis-7 ta’ Frar 2009 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM VERLAINE”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti fi hdax-il elf, disa’ mija u hamsa u erbghin (11,945) par, b’*Container* Numru ECMU9172440 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003, u bi ksur tal-provvedimenti tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)),** u bi ksur tal-provvedimenti tal-**Att Dwar it-*Trademarks*** (**Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta**);

Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru SZ1484524 jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma ndikati bhala C.M.C P/C M.B.M.T Avenue Hedi Nouira Tunis-Rades Tel:00216 71356223 Fax:00216 71356224, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper huma ndikati bhala K.B. Int’l Company Ltd;

Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravjenu dritt dwar il-propjeta’ intellettwali huwa projibit skont l-**artikolu 16** tal-istess **Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u skont l-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti skont l-**artikolu 2 (1) (a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u/jew skont l-**artikolu 10(1)** u **(2) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta’ rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “C”);

Illi din il-konsenja ta' zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “D”);

Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita’ Ewropea u fil-kazistika tal-‘European Court of Justice’ illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003** u tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta’ Dicembru 1993** fuq it-*Trademark*

Komunitarja ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

Illi l-**artikolu 9** tal-**Avviz Legali Numru 233 ta' l-2003** intitolat **"Regoli tal-2003 dwar it-*Trademark* Komunitarja"** jistipula illi ghal-finijiet tal-**artikolu 91** tal-imsemmi **Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94**, il-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar *Trademarks* Komunitarji huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

Illi l-Avukat Dr. David Tonna *nomine* jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li inghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati (skont l-**artikolu 2(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi, li tikkonsisti fi hdax-il elf, disa` mija u hamsa u erbghin (11,945) par, b'*Container* Numru ECMU9172440, da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-**artikolu 2 (1) (a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 16** tal-istess **Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003,** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a) tal-Kap. 414**

**tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4 tal-istess Kap. 414**, u/jew skont l-**artikolu 10 (1)** u **(2) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000924653 u Numru 000929078 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skont il-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea));

3. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skont l-**artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u/jew skont l-**artikolu 15 (1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 u/jew skont it-termini tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

5. Tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont it-termini tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 5 u 6) u sitt dokument (6) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "A" sa Dok. "F" kif jidhru a fol. 7 sa fol. 19 tal-process.

Rat id-digriet datat 24 ta' April 2009 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Gunju 2009, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 12 ta' Mejju 2009 (fol.29) fejn ecceppew li:-

1. Illi l-esponenti mhuiex edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti kollha.

Rat il-lista ta' xhieda flimkien ma' dokument esebit tal-istess kuraturi a fol. 29 sa 31 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 14 ta' Mejju 2009 (fol.33) fejn gie esebit prospett (Dok. "AC2") li fih hemm dettalji dwar il-*quantum* tal-ispejjez li jkunu jridu jithallsu mis-socjeta` intimata fl-eventwalita` illi din il-Qorti tilqa' il-hames talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors guramentat. Flimkien mal-prospett gew annessi tliet dokumenti mmarkati Dok. "PR 1" sa Dok. "PR 3".

Rat in-nota tar-rikorrent Dr. David Tonna *nomine* datata 14 ta' Mejju 2009 a fol. 40 tal-process li biha esebixxa l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. "GA1"), kopja originali tar-rapport tal-analizi mahrug minn Mark Rowley (Dok. "C" u Dok. "AC 1").

Rat il-verbal tas-seduta datat 3 ta' Gunju 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Antoine Camilleri ghas-socjeta` rikorrenti li rrimetta ruhu ghall-provi u aktar tard deher il-kuratur Dr. Martin Fenech u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li fis-7 ta’ Frar 2009 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA-CGM VERLAINE” konsenja ta' zraben sportivi li jgibu l-markji “CONVERSE ALL STAR” u “ALL STAR” liema konsenja kienet tikkonsisti fi hdax-il elf, disa’ mija u hamsa u erbghin (11,945) par, b’*Container* Numru ECMU9172440 u li kien hemm suspett li ma’ kienux genwini b’dan li jiksru d-drittijiet tas-socjeta’ attrici fuq l-istess markji anke skont il-**Kap. 414 u 416 tal-Ligijiet ta' Malta** u **artikolu 16** tal-istess **Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** liema konsenja kienet destinata skont il-polza ta’ karigu ghall-entita’ intimata kollox kif jirrizulta fir-rikors guramentat u d-dokumenti kollha esebiti.

Illi fil-fatt jirrizulta li ufficjali tad-Dwana zammew fit-13 ta’ Frar 2009 (Dok. “GA1”) l-istess zraben sportivi fuq l-istess suspett sabiex issir fuqhom isiru l-investigazzjonijiet relattivi u minn ezami li sar fuq kampjuni tal-istess zraben sportivi rrizulta li l-istess huma kontrafatti u dan kif jirrizulta minn rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “C” u Dok. “AC1”.

Illi ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ppruvati b’dan li din il-Qorti fil-waqt li tastjeni mill-hames talba ghaliex ma’ hemmx bzonna, tilqa’ t-talbiet attrici, b’dan li fil-kuntest tas-sitt (6) talba jinghad li l-ispejjez necessarji sabiex jigu distrutti l-istess oggetti huma dawk fl-ammont ta’ Euro 4,880.75 kif jidher minn Dok. “AC2” u Dok. “PR1” sa Dok. “PR 3” esebit b’nota attrici datata 14 ta’ Mejju 2009.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati inkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni**

**tar-raba' (4) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati (skont l-**artikolu 2 (1) (a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**);

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' zraben sportivi, li tikkonsisti fi hdax-il elf, disa` mija u hamsa u erbghin (11,945) par, b'*Container* Numru ECMU9172440, da parti tas-socjeta' intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-**artikolu 2 (1) (a) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 16** tal-istess **Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003,** u/jew skont l-**artikolu 2 (1) (a) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-**artikolu 4 tal-istess Kap. 414**, u/jew skont l-**artikolu 10 (1)** u **(2) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta**, u dan fil-konfront tar-registrazzjoniji tat-*Trademarks* Komunitarji Numru 000924653 u Numru 000929078 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti (dan kollu skont il-provvedimenti tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 40/94 tal-20 ta' Dicembru 1993 fuq it-*Trademark* Komunitarja (tal-Unjoni Ewropea));**

3. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana sabiex a bazi tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attrici jiddistruggi fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta' intimata, skont l-**artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont l-**artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-**

**Ligijiet ta' Malta** u/jew skont l-**artikolu 15 (1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta**;

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba peress li ma hemmx bzonn taghha.

5. Tordna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana inkluzi dawk fl-ammont ta’ erba’ t’elef, tmien mija u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4,880.75) skont it-termini tar-**Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003** u/jew skont it-termini tal-**Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Bl-ispejjez kontra l-entita` intimata b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------